20 ta' April, 1945.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Dr. George Borg, M.B.E., LL.D., *Pres.*

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Emmanuele Vella

*versus*

Wing Commander John Kirkby Williams, R.A.F., ne.

**Rekwiżizzjoni — Konsenja tal-post rekwiżizzjonat — Konstatazzjoni tad-Danni — Depożitu taċ-Ċwievet.**

*Meta l-Awtorità tiġi biex tħalli post li kien għandha taħt rekwiżizzjoni, sid il-post għandu jirċevieh, avvolja jkun dannegġjat, salva l-konstatazzjoni tad-danni qabel il-konsenja, u salva l-likwidazzjoni ta' dawk id-danni.*

*Imma jekk is-sid jirrifjuta l-konsenja tal-post għax jippretendih fl-istat li kien qabel, u jekk ma jersaqx għal konstatazzjoni tad-danni meta jiġi msejjaħ għaliha, mhux leċitu għall-Awtorità li tid-depożita ċ-ċwievet, imma għandha tagħmel kontra s-sid biex isir l-aċċertament ta' l-istat ta' l-affarijiet li għalih is-sid naqas li jid-*

*kee, u mhaghad taghmel id-depożitu taċ-ċwievel.*

Il-Qorti. — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur quddiem il-Prima Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tieghu r-Re, fejn ippremetta illi l-Ministru ta' l-Avjazzjoni, fl-10 ta' Diċembru 1942, irrekwiżizzjona l-"Meadow Bank Hotel" bil-mobbli, servizzi, u bil-kontenut tieghu kollu, u li meta fit-28 ta' Awissu 1944, dik il-lukanda ġiet imħollija mill-Awtorità fuq imsemmija nstabet fi stat imqaghhar ħafna, u li ħafna mill-mobbli u mis-servizzi taghha kienu ġew imfarrka jew trasportati band'oħra, jew kienu neqsin; u li għalhekk huwa rrifjuta li jeħodha lura, u in konsegwenza l-konvenut nomine ddepożita l-imfietaħ relativi taħt l-awtorità ta' din il-Qorti b'ċedola tas-26 ta' Settembru 1944; u li dak id-depożitu ta' l-imfietaħ ma jirrappreżentax l-oġġett li kellu jiġi restitwit lilu minħabba fl-istat ħażin tal-lokal u minħabba fin-nuqqas ta' ħafna mill-mobbli, servizzi u affarijiet oħra, u minħabba fil-ksur ta' ħafna mobbli oħra; talab li jiġi dikjarat u deċiż li d-depożitu fuq imsemmi ta' l-imfietaħ ta' l-imsemmija lukanda, magħmul mill-konvenut nomine biċ-ċedola fuq indikata tas-26 ta' Settembru 1944, huwa null u ineffikaċi għall-finijiet kollha tal-liġi, salv kull dritt ieħor lilu kompetenti skond il-liġi; bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tat-28 ta' Awissu u tal-20 ta' Settembru, 1944;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti fuq imsemmija fis-16 ta' Novembru 1944, fejn irrespinġiet it-talbiet ta' l-attur bl-ispejjeż kontra tieghu; wara li kkunsidrat;

Illi l-lukanda in kwistjoni ġiet okkupata mill-Awtorità konvenuta in forza tar-Regolamenti ta' l-1939 dwar id-Difiża, u għalhekk l-attur ma jistax jippretendi ħaġa oħra ħlief il-kumpens lilu rikonoxxut fl-istess Regolamenti mill-Board hemm kontemplat; u dan kien iseħħ anki qabel il-promulgazzjoni tan-Notifikazzjoni nru. 326 tat-30 ta' Ġunju 1943, bid-differenza li issa hemm regolamenti speċjali fuq id-determinazzjoni u l-ħlas tal-kumpens, u qabel il-Board kien japplika l-prinċipji ġenerali fuq il-linea tal-"Compensation (Defence) Act 1939, 2 and 3 Geor. 6, Ch. 75"; u għalhekk, in

bażi għal dawk il-liġijiet, kellu jirċievi ċ-ċwievet, salvi d-drittijiet tiegħu in forza ta' dawk ir-Regolamenti;

Illi anki l-pretensjoni l-oħra ta' l-attur li kellu jieħu lura l-lukanda bil-mobbli kollha li kellha u kif kienet meta ġiet rekwiżizzjonata, u għalhekk kellu d-dritt jirrifjuta ċ-ċwievet, hija mingħajr bażi, għax, kif ġie ritenut fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti f'appell minn kawża inferjuri in re "Farrugia vs. Schembri" (Kollez. Vol. XXIV — I, p. 6; 8), jekk huwa veru illi l-Awtorità ma tkunx adempiet għall-obligazzjoni tagħha meta tagħti lura l-lok deterjorat, huwa ugwalment veru illi "nemo precise potest cogi ad factum", u l-obligazzjoni tar-riparazzjoni tirriżolvi ruħha fir-riżarċiment tad-danni, li tista' tmur separata mill-obbligazzjoni tar-rikonsenja tal-fond; u skond l-art. 833 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868, il-kreditur fl-obligazzjonijiet "di fare" jista' jiġi awtorizzat li jagħmel huwa dak li kellu jagħmel id-debitur, u għalhekk ikun inġust illi l-inkwilin għandu jibqa' fid-detenzjoni tal-post sakemm isiru d-danni; illi jekk il-lukanda ma tistax tiġi attivata, huwa jkollu dritt għad-danni skond il-liġi, u kien ikollu l-mezz mar-riċezzjoni ta' l-imftietaħ li jiġi aċċertat l-istat tal-lokal u tal-ħwejjeġ, u anki suppost il-perizja ma kienetx tista' ssir immedjatament, huwa ma kienx jitlef ebda dritt jekk meta jirċievi l-imftietaħ bil-protesti u r-riżervi jitlob provvediment ta' kawtela sabiex il-lokal u l-oġġetti jibqgħu fl-istat li ġew imħollijin sakemm issir il-perizja, u għalhekk id-depożitu ġie magħmul validament għax kien preċedut minn rifjut da parti ta' l-attur, mentri dan igħid illi l-fond huwa esteżament danneġġjat, li l-mobbli u l-oġġetti l-oħra huma miksurin ħafna, u għalhekk il-fond ma jistax jiġi attivat bħala lukanda; iżda din mhijiex raġuni, għax l-offerta saret ta' l-istess post li kellu jagħmel, u l-attur kellu d-dritt għad-danni;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur u l-petizzjoni tiegħu, fejn talab illi dik is-sentenza tiġi revokata u jiġi deċiż skond it-talbiet ta' l-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut nomine;

*Omissis*;

Ikkunsidra;

Illi l-"Meadow Bank Hotel" ġie rekwiżizzjonat............
L-appellant irrifjuta jieħu ċ-ċwievet għax jippretenda illi huwa kellu jkollu r-restituzzjoni tal-Hotel bħala "running concern" u mhux ta' post danneġġjat, u b'mobbli neqsin u oħrajn miksura, u għalhekk irrifjuta ċ-ċwievet u l-Awtorità konvenuta għaddiet għad-depożitu taċ-ċwievet;

**Tikkunsidra;**

Illi r-regoli tal-lokazzjoni huma iżjed stretti u rigorużi fil-materja tal-konsenja ta' post minn dawk li joħorġu minn derekwiżizzjoni, u għalhekk ma tidħolx fil-kwistjonijiet deċiżi minn din il-Qorti f'Appell Inferjuri ċitat fis-sentenza li minnha hemm appell, u ma hemmx għalfejn tikkommenta fuq dawk il-kwistjonijiet u l-prinċipji żvolti f'dik is-sentenza, jekk jistgħux jiġu aċċettati f'materja anki ta' lokazzjoni b'mod hekk ġenerali kif inhuma enunċjati. Iżda f'dan il-każ kien hawn rekwiżizzjoni, u għalkemm il-privat ma għandux ibati bħala effett ta' dik ir-rekwiżizzjoni, u bħala prinċipju għandu jiġi reintegrat fid-drittijiet tiegħu u għandu jirċievi l-ħaġa kif ġiet rekwiżizzjonata, iżda l-Awtorità rekwiżizzjonanti meta ma jkollhiex bżonn il-ħaġa, tista' tagħti lura l-post, anki jekk huwa danneġġjat, u salva l-konstatazzjoni ta' dawk id-danni qabel il-konsenja, il-privat ma jkunx jista' jirrifjuta jirċievi dak il-post, salva l-likwidazzjoni tad-danni li għandha ssir għall-indennizzi li jkun imissu l-privat minn għand Board imsemmi fid-Defence Regulations. Diversament l-Awtorità tkun tista' tiġi mqiegħda f'pożizzjoni wisq anormali, speċjalment f'dawn il-mumenti ta' l-emerġenza meta jkun diffiċili biex issib xi oġġetti biex tirrimpjazza oħrajn; iżda l-privat ikollu l-kumpens li jistħoqqlu skond dawk ir-Regolamenti;

**Tikkunsidra;**

Illi għalhekk minn banda l-waħda l-pretensjoni ta' l-appellant li l-Awtorità tagħtih il-"Meadow Bank Hotel" bħala "running concern" kif ħaditha, u l-pretensjoni tiegħu li huwa ma jridx flus, iżda dak li ta jridu lura, kienu inġustifikati, u ma kellu ebda dritt jinsisti biex l-Awtorità tagħtih il-Hotel kif kien bħala "running concern". Mill-banda l-oħra, però, huwa kellu d-dritt illi qabel ma jieħu ċ-ċwievet f'idejh, ta'

post fejn kien hemm anki xi mobbli, għalkemm ħafna nuksura u oħrajn neqsin, illi jsir iċ-"checking" ta' l-oġġetti kollha li sejjer jirċievi, u f'liema stat qiegħed jirċevihom, u ta' dawk li huma danneġġjati jew neqsin. Diversament, kieku kien possibili illi huwa kien jieħu ċ-ċwievet, anki bir-riżervi u bil-protesti li semmiet l-Ewwel Qorti, huwa kien isib ruħu f'dik il-pożizzjoni wisq perikoluża li ġurnata jkun jista' jiġi lilu rinfaċċjat li dawk l-oġġetti ma kienux f'dak l-istat, jew li oħrajn li huma neqsin kienu effettivament fil-post meta saret il-konsenja. Veru li wara huwa jista' jagħmel kawża għall-aċċertament ġudizzjarju ta' dan l-istat ta' affarijiet; iżda barra milli l-provi kienu jkunu forsi diffiċili għalih, għax forsi kien jista' fil-konflitt tal-provi jinġenera ruħu s-suspett fil-ġudikant illi xi servi jew dipendenti ta' l-appellant setgħu abbużaw, u allura kien ikun wisq imprudenti li ssir il-konsenja taħt dawk iċ-ċirkustanzi. Barra minn dan, kif dejjem isir fil-prattika, mentri l-aċċertament bonarju ta' l-istat ta' l-affarijiet u ċ-"checking" ta' l-inventarju hija ħaġa li ssir minn għand kulħadd qabel li l-lokatur ma jieħu lura l-post, għax hija l-ħaġa li trid il-loġika u l-prattika ta' l-affarijiet, għall-kuntrarju, ir-riċezzjoni taċ-ċwievet bid-debiti protesti u riżervi għandha ġġib neċessarjament dejjem aċċertament diffiċili ta' l-istat ta' l-affarijiet għar-raġunijiet fuq miġjuba, u allura jkun hemm perikolu li jkollha ssir quddiem il-Qorti ħaġa li setgħet tkun evitata bl-aċċertament preventiv kif dejjem sar;

Tikkunsidra:

Illi, kif jidher mill-korrispondenza eżibita, l-Awtorità konvenuta invitat lill-appellant biex isir l-aċċertament, iżda peress li huwa ried lura l-"Meadow Bank Hotel" bħala "running conern", irrifjuta li jieħu l-konsenja tal-post u ta' l-oġġetti, jew l-aċċertament tagħhom separatament. Għalkemm, kif intqal iżjed 'il fuq, din il-pretensjoni ta' l-appellant kienet inġustifikata, iżda l-Awtorità konvenuta ma kellhiex tgħaddi għad-depożitu taċ-ċwievet, li jirrappreżentaw il-konsenja, iżda kellha taġixxi kontra l-appellant quddiem il-Qorti kompetenti biex bl-urġenza kollha jsir dak l-aċċertament ta' l-istat ta' affarijiet li għalih l-appellant irrifjuta li jidher, imbagħad, wara

dak l-aċċertament ġudizzjali, tgħaddi għad-depożitu taċ-ċwievet;

Tikkunsidra;

Illi għalhekk id-depożitu taċ-ċwievet ma kienx ġustifikat, mhux għar-raġuni miġjuba mill-appellant, iżda għaliex ma sarx dak l-aċċertament preventiv, speċjalment tal-mobbli. Certament l-akbar ħtija ta' dan l-istat ta' affarijiet kienet ta' l-appellant, li ġieb pretensjoni li ma kienetx bażata fil-liġi; iżda din hija kollha kwistjoni li tista' eventwalment ikollha rifless fuq l-entità tad-danni, ħaġa li teżorbita mill-eżami ta' din il-Qorti;

Tikkunsidra;

Illi għalkemm id-depożitu taċ-ċwievet ma kienx skond il-liġi, għax kellu jkun preċedut bl-aċċertament ta' l-istat ta' l-affarijiet fuq imsemmi, iżda t-talba ta' l-appellant ma tistax tiġi milqugħa bil-kawżali li għandha miġjuba biċ-ċitazzjoni, u jekk tiġi milqugħa għar-raġuni l-oħra fuq miġjuba tkun qiegħda tinbidel il-kawżali, li mhux leċitu li jsir;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġi l-appell ta' l-attur u tikkonferma s-sentenza li minnha hemm appell; u in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ tordna illi l-ispejjeż ta' din l-istanza ma jkunux taxxati bejn il-partijiet; iżda d-dritt tar-reġistru jitħallas mill-appellant.